MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 21/2007

**Wara l-Ittra ufficjali 8752/05 fl-ismijiet:**

**Maltacom plc u b'digriet tal-5 ta' Frar 2009**
**isem din is-socjeta gie mibdul ghal GO p.l.c.**

**Vs**

**Kevin Vassallo**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors (a fol 12 tal-atti) ta' Kevin Vassallo li bih wara li premetta:

Illi l-esponenti recentement sar jaf illi s-socjeta' Maltacom plc ipprezentat fil-konfront tieghu ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 14 ta' Ottubru 2005 ghall-ammont ta' Lm2,460.19 u li ggib in-numru ta' referenza 8752/05 (kopja annessa mar-rikors bhala Dok A);

Illi fl-20 ta' Gunju 2006 is-socjeta' Maltacom plc ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv fil-konfront ta' l-esponenti (mandat numru 1575/06) fl-ammont indikat oltre l-ispejjez u l-imghaxijiet (kopja annessa bhala dok B);

Illi l-esponenti sar jaf ghall-ewwel darba bl-ezistenza tal-mandat u tal-ittra ufficjali hawn fuq indikati permezz ta' ittra mibghuta lilu minn Raymond Catania, Msida *branch Manager* ta' HSBC Bank Malta plc (kopja annessa bhala Dok C);

Illi kif ser jigi provat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, minkejja li Maltacom plc llum qed tivvanta titolu ezekuttiv fil-konfront ta' l-esponenti a bazi ta' l-imsemmija ittra ufficjali, l-istess titolu ezekuttiv ghandu jigi dikjarat null u bla effett billi l-esponenti ma kienx jaf bl-imsemmija ittra ufficjali ghaliex ma kienx notifikat kif imiss;

Talab bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni sabiex:

1. Provizorjament twaqqaf l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestu ezekuttiv fl-ismijiet *Maltacom plc vs Kevin Vassallo* (mandat numru 1575/06);
2. Tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv vantat minn Maltacom plc a bazi ta' l-ittra ufficjali prezentata fil-konfront ta' l-istess esponenti fl-14 ta' Ottubru 2005 (numru ta' referenza 8752/05);

Bl-ispejjez u b'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti.

Rat l-ittra ufficjali in esami (fol 14 u 18 tal-istess atti) bir-riferta relattiva (a fol 15 ibid), kif ukoll il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv msemmi fl-istess rikors (fol 16 et seq ibid) u d-dokument (a fol 19 ibid).

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata (fol 21 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

Illi kif jidher mid-dokumenti annessi mar-rikors ta’ Kevin Vassallo prezentat fit-3 ta’ Lulju 2006 u cioe mill-kopja tar-riferta relattiva ghall-ittra ufficjali datata 14 ta’ Ottubru 2005 huwa gie debitament notifikat fir-residenza ordinarja tieghu u ghalhekk tali notifika hija valida skond il-Ligi u ggib maghha l-effetti kif delinjeati f’Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ghalkemm fir-rikors tieghu l-imsemmi Kevin Vassallo jindika bhala indirizz tieghu “London”, Pretty Bay, Birzebbugia, huwa ghadu sahansitra sa l-ahhar registru elettorali registrat fl-indirizz li fih gie notifikat bl-ittra ufficjali msemmija u dan kif jirrizulta mill-estratt annesss li hu mmarkat NS.

Ghalhekk, in vista tas-suespost, is-socjeta’ Maltacom plc titlob lil dina l-Qorti li tichad it-talbiet maghmula mir-rikorrent Kevin Vassallo bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat kif ukoll id-dokumenti, annessi maghha (a fol 22 u fol 23 ibid).

Rat id-<u>digriet</u> moghti mill-Qorti, kif diversament presjeduta (a fol 11 ibid) u li bih it-talbiet tar-rikorrenti gew michuda.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-24 ta’ Jannar 2007 (fol 34 et seq ibid) u li biha gie milqugh l-istess Appell interpost mir-rikorrenti u gie annullat l-imsemmi digriet ghar-ragunijiet hawn esposti waqt li l-atti jew rinvjati lura lill-ewwel Qorti ghall-iskop hemm specifikat.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Semghet it-trattazzjoni tal-abili difensuri tal-partijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward <u>l-ittra ufficjali</u> in esami mahruga a bazi tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (fol 8 u fol 14 ibid) jidher li din giet presentata fl-14 ta’ Ottubru 2005 fil-konfront tar-rikorrenti, aventi bhala indirizz ghan-notifika

id-dar numru 78 Dar is-Sliem, Triq Baskal Buhagiar fil-Mosta. Mir-referta relattiva (fol 9 u fol 15 ibid) jidher li l-istess ittra ufficjali giet notifikata fil-post msemmi aventi bhala destinatarju "L. Vassallo" (karta tal-identita numru 488734). Dwar dan l-istess Kevin Vassallo (fol 51 et seq ibid), wara li spjega dwar kif sar jaf bis-sekwestru ezekuttiv imsemmi xehed illi madwar tlettax il (13) sena' ilu, hu kien jirrisjedi fl-istess post flimkien ma missieru, ommu u hutu sakemm kien sar "arrangament" bejn Lorenza Vassallo oht in-nannu tar-rikorrenti u l-familja tal-istess rikorrenti in rigward bdil ta' residenzi it-tnejn fl-istess triq. Sussegwentement, fl-2004, ir-rikorrenti kien mar jirrisjedi f'Birzebbugia flimkien ma martu, fejn kien qed joqghod fid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali. Dwar "L. Vassallo" bil-karta tal-identita hawn fuq specifikat, din kienet zitu hawn fuq imsemmija u li ma kienitx awtorizzata li tiffirma xi karta jew dokument f'ismu. In rigward Lorenza Vassallo mara ta' madwar tmenin sena' (fol 55 u fol 56 ibid) u din ikkonfermat illi f'Ottubru 2005, kien gie "….xi hadd b'ittri f'idu u qalilha li kien hemm ittra wahda registrata "… u jiena qbadt u ffirmajtha minghajr ma rajtha". L-istess ragel kien qalilha illi din l-ittra kienet "… ghal xi hadd Kevin" izda hi qatlu li dan ma kienx qed jghix fil-post taghha u ghalhekk hi, l-ittra, ma accettathiex. Dan ir-'ragel' ossija ir-ragel tal-posta Neil Busuttil (fol 67 u fol 68 ibid) xehed illi hu kien ikkonsenja l-ittra registrata in kwistjoni lill-Lorenza Vassallo u din ffirmat il-karta roza dwar l-istess konsenja.

Ikkunsidrat

Illi kif di gja nghad, dan il-kaz trattasi ta' ittra ufficjali mahruga taht l-artikolu 166A tal-kapitolu 12 imsemmi u mill-punti kif esposti fl-istess rikors dak mitlub jidher li hu bazat hu l-istess artikolu subinciz 5(1) li jitratta dwar ir-rexissjoni u dikjarazzjoni ta' nullita u bla effett ta' titolu esekuttiv mahrug wara l-presentata ta' ittra ufficjali, bhal dik in esami u minghajr opposizzjoni u skond kif regolata mill-istess artikolu, f'kaz li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex hu ma keinx notifikat kif jmiss ossija kif hemm specifikat fl-artikolu 187(3) ibid. Dan jghid illi notifika ta' skrittura ossija att gudizzjarju trid issir f'idejn il-

persuni hawn indikati fl-istess artikolu fosthom persuna awtorizzata minnha (id-debitur) biex tirceivi l-posta taghha. F'dan il-kaz wiehed forsi jista' jargumenta illi Lorenza Vassallo setghet kienet awtorizzata ghal dan l-iskop. Pero' l-istess artikolu jkompli jghid testwalment, "… fil-lok fejn toqghod (dejjem, in rigward, l-allegat debitur) jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha". Fil-kaz, in desamnina, mill-provi prodotti, jirrizulta, b'certezza illi l-ittra ufficjali in esami ma gietx, fir-realta', notifikata lir-rikorrenti, f'wiehed minn dawn il-postijiet. Apparti kull kundizzjoni ulterjuri dwar jekk Lorenza Vassallo gabitx a konjizzjoni tar-rikorrenti l-istess ittra ufficjali, li filfatt ma jidhirx li gara' a bazi tal-provi li nstemghu, ma irrizultax li tali notifika skond il-ligi saret in vista tal-fatt, pruvat, illi r-rikorrenti ma giex notifikat bl-ittra ufficjali in kwistjoni, fil-post fejn jirrisjedi u kien qed jirrisjedi meta saret l-istess notifika. A bazi ta' dan, in-nuqqas gravi, dak kollu mitlub fir-rikors in esami ghandu jigi milqugh b'referenza ghall-meritu.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-ispejjes ta' dawn il-proceduri jirrizulta mill-atti u dokumenti esebiti (ara fol 19 u fol 22 ibid) terzi persuni fosthom is-socjeta' intimata, kellhom l-informazzjoni illi r-rikorrenti kien ghadu jirrisjedi fil-Mosta u mhux f'Birzebbugia u ghalhekk dan ghandu jigi rifless fil-kap tal-ispejjes billi dawn jithallsu kollha kemm huma mill-istess rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' fil-meritu, it-talbiet tar-rikorrenti u:

1) Provisorjament twaqqaf l-esekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet "Maltacom plc vs Kevin Vassallo" (mandat numru 1575/06) u;
2) Tirrixxindi u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv vantat minn Maltacom plc a bazi ta' l-ittra ufficjali presentata fil-konfront tar-rikorrenti fl-14 ta' Ottubru 2005 (numru ta' referenza 8752/05).

In rigward l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri, kollha kemm huma, dawn ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------